**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1025/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1502/2021 fl-ismijiet:**

**Richard Sciberras (K.I. Nru. 153371(M)) et**

**vs.**

**Nicole Xuereb (K.I. Nru. 383787(M)) u Main Store Foods Limited (C93592) għal kull interess li jista' jkollha**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti s-sekwestrata Nicole Xuereb ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għalhekk hija fl-umli fehma tal-konvenuta bħala direttur maniġerjali tal-Main Store Foods Limited illi l-kontijiet jiġu rilaxxati stante illi l-ammonti huma għal kollox sproporzjonati u mhux neċessarji kif ukoll l-operat tal-kumpanija per se ma jistax jibqa' għaddej jekk is-sekwestri jibqgħu fis-seħħ u dan ser ikun ta' preġudizzju mhux biss għad-direttur maniġerjali iżda wkoll għal ħaddiema u l-operat tal-Main Store per se u għalhekk is-sekwestrata titlob ir-revoka tal-istess.*

*U dan taħt dawk il-provedimenti illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Tant il-konvenuta tissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti".*

Rat id-Digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimati Richard Sciberras et li ġew mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex jippreżentaw Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtiequ jagħmlu flimkien mad-dokumenti kollha li jixtiequ jippreżentaw.

Rat in-Nota tal-intimati s-sekwestranti Vivienne Sciberras u Richard Sciberras ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonaw għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestu Kawtelatorju bin-Numru 1502/21 fl-ismijiet **Vivienne Sciberras u Richard Sciberras vs. Nicole Xuereb u Main Store Foods Limited għal kull interess li jista' jkollha**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- ir-rikorrenti Xuereb hija d-direttriċi maniġerjali tas-soċjeta' Main Store Foods Limited li daħlet fiż-żarbun ta' żewġha d-defunt Christopher Xuereb u li sabet nuqqas ta' informazzjoni;

- skont ir-rikorrenti Xuereb:

  - hemm ċans li l-*accounts* tas-soċjeta' ma jirriflettux is-sitwazzjoni tas-soċjeta' minħabba li jaf hemm dejn li ma jirriżultax fl-*accounts*;

  - is-sekwestri li hemm viġenti qed iwasslu sabiex is-soċjeta' Main Store Foods Limited ma tistax tibqa' topera minħabba li ma tistax tħallas il-kontijiet tagħha u lanqas l-impjegati tagħha;

- ir-rikorrenti, filwaqt li tilmenta li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni jistħoqqlu jiġi revokat a tenur ta' l-Artikoli 836(1)(ċ) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tilmenta wkoll li l-mandat huwa eċċessiv.

Da parte tagħhom, l-intimati Sciberras, filwaqt li jsostnu li l-intimata s-sekwestranta Vivienne Sciberras hija azzjonista tas-soċjeta' Main Store Foods Limited, isostnu wkoll li huma talbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni minħabba li r-rikorrenti approprjat ruħha mingħajr ebda jedd minn flejjes tan-negozju u għabbiet in-negozju b'dejn konsiderevoli. Minbarra dan, l-intimati Sciberras jargumentaw ukoll li r-Rikors promutur huwa irregolari u irritwali minħabba li l-okkju tar-Rikors m'huwiex kompatibbli mal-mandat in kwistjoni. Huma jistqarru li l-unika ċedola li ġiet ippreżentata mill-bank HSBC tammonta għal ħafna anqas mill-ammont li ġie mitlub li jiġi sekwestrat u li għar-raġunijiet imfissra fin-Nota tagħhom, l-argumenti imressqa mir-rikorrenti jistħoqqilhom li jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi, fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u

dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005) il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur fejn intalab li jigi revokat il-Mandat Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dak li ngħad mill-intimati Sciberras meta qalu li r-Rikors promutur huwa irregolari u irritwali u fejn talbu in-nullita' tiegħu.

Illi, filwaqt li l-Qorti tinnota li l-argumenti mressqa mill-intimati Sciberras huma kemmxejn vagi, pero' minn ħarsa lejn il-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 1502/2021 hekk kif imqabbel mar-Rikors promutur, il-Qorti tinnota li d-differenza li tista' tara hija s-segwenti: filwaqt li fil-Mandat Kawtelatorju *per se* huwa fl-ismijiet **"Vivienne (K.I. 153371M) u Richard (K.I. 362967M) konjugi Sciberras vs. Nicole Xuereb (K.I. 383787M u Main Store Foods Limited (C 93592) għal kull interess li jista' jkollha"**, fir-Rikors promutur issir riferenza għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni pero' fl-ismijiet "**Richard Sciberras (153371M) et vs. Nicole Xuereb (KI 383787M) u Main Store Foods Limited (C93592) għal kull interess li jista' jkollha"**.

Illi, apparti dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, wara li l-Qorti eżaminat l-atti (kemm tar-Rikors promutur u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *per se*) tinnota li ma sabet xejn li għandu jwassal għan-nullita' tar-Rikors. Dan qed jingħad wkoll fil-kuntest tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fosthom is-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2005 fil-kawża fl-ismijiet **ITC Limited et vs. Lbm Breweries Limited** (Ċitazzjoni Numru 976/2005) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[1], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[2]."

Illi l-intimati Sciberras et isostnu li r-Rikors ma jissodisfax ir-rekwiżiti li trid il-Liġi u li t-talba ma hix waħda li l-liġi tipprovdi għaliha u li, skont huma, ma tistax tintlaqa'.

Illi Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin [...]"

Illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni jidher li sar in konformita' mas-sub-artikolu appena ċitat u l-Qorti ma tara xejn ċensurabbli fit-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur *stante*

[1] App. Kumm. 30.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Micallef vs. Krogh Jacobsen** (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.172).

[2] Ara App. Ċiv. 21.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Ellul vs. Gera de Petri et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.434) u s-sentenzi hemm imsemmija.

li filwaqt li tinnota li r-rikorrenti saħqet *"illi l-kontijiet jiġu rilaxxati"*, hija titlob ukoll *"ir-revoka tal-istess"*.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tikkunsidrax li r-Rikors promutur m'huwiex kompatibbli mal-mandat in kwistjoni u ma tqisx lanqas li għandha tikkunsidra r-Rikors bħala null.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur fejn intalab li jiġi revokat il-Mandat Kawtelatorju *de quo*.

<u>Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju)</u>:
Illi sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha, ir-rikorrenti Xuereb tgħid li ġiet depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti ċedola għall-ammont ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000). Skont ir-rikorrenti, dan l-ammont huwa s-*sorte* li kellu jkun ikkawtelat mill-mandat in kwistjoni bil-konsegwenza li hemm garanzija xierqa u għalhekk ma hemmx bżonn aktar tal-mandat.

Illi min naħa tagħhom, l-intimati jilmentaw li ċ-ċedola in kwistjoni ma tammontax għal mija u ħamsin elf Euro (€150,000) pero' tammonta għal tnejn u għoxrin elf u erbgħa u disgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€22,094.23) u li tali ammont mhuwiex biżżejjed sabiex jikkawtela l-pretensjoni tal-intimati s-sekwestranti Sciberras.

Illi l-Qorti tinnota li r-rikorrenti Xuereb ma ressqet l-ebda prova li hemm garanzija biżżejjed sabiex jitħarsu l-pretensjonijiet tal-intimati Sciberras. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li d-dikjarazzjoni li ġiet depożitat ċedola fl-ammont ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) ma twassalx lill-Qorti li tikkonsidra li hemm garanzija xierqa.

Illi l-Qorti tinnota li Artikolu 836(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Il-persuna li tagħmel ir-rikors skont is-subartikolu (1) għandha, flimkien mar-rikors, tippreżenta bil-miktub is-

> sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li tkun trid tippreżenta". [emfażi miżjuda]

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ġie kwotat, il-Qorti tinnota li, apparti l-fatt li l-intimati ma jaqblux mar-rikorrenti fuq l-ammont depożitat, tinnota wkoll li fl-atti odjerni ma ġietx ippreżentata kopja taċ-ċedola li tissemma (u dana minkejja li fir-Rikors jingħad li qed tiġi eżebita kopja legali taċ-ċedola bin-numru 1502/2021, li l-intimati jgħidu m'hemm l-ebda ċedola b'dan in-numru)! Il-Qorti tinnota li meta wieħed jibbaża t-talba għal revoka ta' mandat fuq il-punt li hemm garanzija suffiċjenti, hija l-parti sekwestrata li trid tipprova li fil-fatt hemm garanzija xierqa. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjamenti tal-Qrati fil-kuntest ta' garanzija xierqa u tirreferi, fost l-oħrajn, għal proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1595/2012 fl-ismijiet Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited (C-53626)** (Rikors Numru 67/2013) deċiża fl-14 ta' Awwissu 2013, fejn il-Qorti qalet:

> "Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[3]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realizzabbli lill-eżekutant.[4]"

Illi stante li ma tressqet l-ebda prova in atti dwar l-eżistenza ta' garanzija sodisfaċenti, b'hekk isegwi li fejn it-talba tar-rikorrenti Xuereb hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli):
Illi sabiex issostni l-argumenti tagħha taħt dan is-sub-artikolu, ir-rikorrenti Xuereb tilmenta li nbidlu ċ-ċirkustanzi b'dana li mhux

[3] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et**.
[4] Ara P.A. TM 20.2.2003 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd. vs. Euro Imports Ltd**.

ser tkun tista' tħallas l-impjegati tagħha. Ir-rikorrenti ssemmi wkoll li tqabbdu amministraturi proviżorji u għaldaqstant l-interessi tal-intimati Sciberras ser ikunu salvagwardjati. Da parte tagħhom, l-intimati Sciberras jindikaw li ma ġewx indikati kemm hemm impjegati u lanqas ma ġew indikati x'ammont hemm bżonn bħala pagi.

Illi gie stabbilit min numru ta' provvedimenti tal-Qrati tagħna li sabiex tintlaqa' talba għal revoka taħt dan is-sub-Artikolu jrid jiġi ppruvat li tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Dan it-tagħlim jirriżulta minn numru ta' provvedimenti. Riferenza ssir għall-provvediment li diġa sar riferenza għalih aktar-il fuq fl-ismijiet **Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited** (Rikors Numru 67/2013), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat**, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[5] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."

Illi ssir referenza wkoll għall-provvediment mogħti fit-28 ta' Ġunju 2021 minn din il-Qorti hekk diversament preseduta fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 783/2021 fl-ismijiet Roger Zammit vs. Frank Salt Real Estate Limited** (Rikors Numru 542/2021), fejn ingħad is-segwenti:

> "25. Dak li jgħodd biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess

[5] Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et**.

> mandat jibqa' għal kollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmi **Artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ (***Ivan John Debono vs. Antoine Vella***, Appell Superjuri tat-12 ta' Jannar, 2021)."

Illi l-Qorti, filwaqt li tinnota li r-Rikors odjern ġie ppreżentat mir-rikorrenti Xuereb f'isimha *proprio* u mhux bħala direttur maniġerjali tas-soċjeta' Main Store Foods Limited u li fit-talbiet hemm indikat: *"hija l-umli fehma tal-konvenuta bħala direttur maniġerjali tal-Main Store Foods Limited"*, tinnota wkoll ċirkostanza li ssemmi r-rikorrenti fir-Rikors tagħha hija li ġew appuntati amministraturi proviżorji. Apparti l-fatt li l-Qorti nżammet sajma mid-data ta' meta dawn ġew imqabbda, il-Qorti ma tarax kif dan waħdu jista' jissarraf fi bdil taċ-ċirkostanzi rikjesti fis-sub-artikolu in eżami. Il-Qorti tinnota li r-Rikors odjern jikkonċerna talba sabiex jiġi revokat il-mandat in kwistjoni u li l-amministraturi ġew appuntati biex jaraw li s-soċjeta' titmexxa b'mod tajjeb.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tas-sub-artikolu in eżami, il-Qorti tinnota li b'hekk isegi li fejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta din ser tigi miċħuda wkoll.

<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>
<u>(L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv)</u>:
Illi fit-talba finali, ir-rikorrenti ssemmi illi *"l-ammonti huma għal kollox sproporzjonati u mhux neċessarji"*. Dan jinkwadra taħt Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minkejja li r-rikorrenti ma ssemmiex espressament dan is-sub-artikolu, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidrah ukoll.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fil-provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat".

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-provvediment li ngħata fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Rikors Numru 945/2012), fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[6]" [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti hija tal-fehma li minn dak kollu li għadu kemm ingħad, ir-rikorrenti Xuereb ma ppruvat xejn. B'hekk, ma jirriżultax li għandha tintlaqa' xi talba *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

[6] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd.**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti eżekutata s-sekwestrata Nicole Xuereb hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti eżekutata Nicole Xuereb.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**